# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 176/01mm**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Richard Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u hamsa u hamsin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm755.66) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut

mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A1 sa' A2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2000, sal-jum tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 1 ta' Novembru, 2000, (Dok B) u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-29 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.